Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2764

7.12.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2764**

**tas-7 ta' Diċembru 2023**

**li temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([1]).

(2) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1514 ([2]).

(3) Il-Kunsill iddetermina li awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK adottat deċiżjonijiet fir-rigward ta' żewġ persuni li kienu involuti f'atti terroristiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 1(3) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li l-miżuri fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik il-Pożizzjoni Komuni jenħtieġ li jiġu applikati għal dawk il-persuni.

(4) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1514 jenħtieġ li tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1514.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. HEREU BOHER

([1]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1514 tal-20 ta' Lulju 2023 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/422 (ĠU L 184, 21.7.2023, p. 33).

*ANNESS*

**Lista ta’ persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**

I. PERSUNI

14. DEIF Mohammed (magħruf ukoll bħala AL-DAYF Muhammad; Al-Masri Mohammed), imwieled fit-12.8.1965 f'Khan Younis, Gaza Strip.

15. ISSA Marwan, imwieled fl-1965, Gaza Strip.